MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 54/2003

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jiffirmaw id-ditta assikuratrici ossija syndicates ta' Lloyds li jgibu n-numri 1245, 510, 727, 994, 990, 183, 807, 570, 1229 u 780, u Rausi Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali tal-imsemmija ditta assikuratrici Lloyds**

**Vs**

**Christopher Bartolo**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi proprio u nomine premettew illi kienu fethu polza ta' assikurazzjoni

a favur tal-konvenut sabiex tkopri l-karozza tieghu Skoda 120L bin-numru FAV 571, liema polza hija enumerata 759972-013-001. Il-polza kella tkun valida mit-18 ta' Lulju, 2002 sat-30 ta' Mejju, 2003.

Premess illi meta l-konvenut mela l-*proposal form* in konnessjoni ma din il-polza huwa iddikjara li fil-hames snin precedenti, ma kienx involut f'incident tat-traffiku.

Premess illi fis-27 ta' Jannar, 2002 il-konvenut kellu habta ma vettura ohra u llum jinsab citat quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar f'kawza avviz numru 3020/2002 AD fl-ismijiet *"SMS Insurance Agency Limited vs Christopher Bartolo"* appuntata ghall-24 ta' Jannar, 2003 u f'din il-kawza l-konvenut qed jigi citat sabiex ihallas id-danni kawzati minnu f'dik il-habta.

Premess illi fil-kors tal-istharrig li ghamlu l-atturi meta kienu qeghdin jipprocessaw il-claim in kwistjoni, bhala assikuraturi tal-konvenut, irrizulta illi fis-sena 2000, il-konvenut kellu habta awtomobilistika ohra, li sehhet b'tort tieghu u li taghha kienet hallset l-assikurazzjoni li kellu f'dak iz-zmien.

Premess illi l-istess konvenut ammetta li tassew kellu dan l-incident u ammetta li ma kienx stqarru lill-atturi meta kien qed jaghmel il-proposta ta' assikurazzjoni u b'hekk illi l-polza kienet ittiehdet bil-habi ta' fatt sostanzjali jew, billi gie rapprezentat fatt li kien falz f'xi partikolarita' essenzjali.

Premess illi dan in-nuqqas da parti tal-konvenut jikkostitwixxi dak li jissejjah *material non disclosure*, bi ksur tal-principju stabbilit ta' *uberrima fides*, u li jintitola lill-atturi sabiex jitolbu r-rexxissjoni tal-polza *ab initio*, u li jigu konsegwenzjalment ezentati minn kull obbligu li seta' jsegwi minnha.

Ighid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-polza imsemmija ittiehdet bil-habi ta' fatt sostanzjali jew, billi gie rapprezentat fatt li kien falz f'xi

partikolarita' essenzjali u hija vizzjata a kawza ta' *material non disclosure* da parti tal-konvenut u

2. Tiddikjara li ghalhekk il-polza in kwistjoni hija nulla u minghajr effett ghal finijiet kollha tal-ligi

U dana bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in**-nota ta' l-eccezzjonijiet** ta' l-eccipjent Christopher Bartolo socjeta' a fol. 43 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici nomine et huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi min-naha ta' l-eccipjent u meta kien qed jaghmel il-proposta tieghu ma' l-assikurazzjoni huwa dejjem ezercita l-*"utmost good faith"* u dana hekk kif se jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

2. Illi l-eccipjent jeccepixxi illi meta mela l-proposta ta' l-assikurazzjoni tieghu dan gie assistit minn impjegat tas-socjeta' attrici u huwa fil-fatt wiegeb ghad-domandi li saru lilu b'mod preciz stante illi l-eccipjent huwa illiterat u l-proposta ta' l-assikurazzjoni hija bil-lingwa Ingliza u dana hekk kif se jipprova fil-mori tal-kawza odjerna.

3. Illi l-eccipjent jeccepixxi illi hemm 'tacit acknowlegment' da parti tas-socjeta' attrici illi l-polza in kwistjoni hija valida stante illi ricentement huwa ircieva 'ir-renewal form' min-naha tas-socjeta' attrici ghat-tigdid ta' l-imsemmija polza u ghalhekk ma tistax issa kontestwalment is-socjeta' attrici nomine qed isostni illi l-imsemmija polza m'hix valida u titlob ir-rexxissjoni ta' l-istess.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**PROVI**

Henry Grech, Deputy Claims Manager mas-socjeta' attrici xehed li l-konvenut kien ghamel *claim* maghhom u meta investigaw il-*claim* sabu li l-konvenut kien diga kellu habta ohra qabel meta kien inxurjat ma kumpanija ohra. Meta l-konvenut kien mela l-*proposal form* (ara fol. 6) hu kien qalilhom li ma kellux incidenti ta' karozza f'dawn l-ahhar hames snin. Fil fatt irrizulta li kellu *claim* fl-4 ta' Settembru 2000 u nxurja maghhom fil-31 ta' Jannar, 2001. Minhabba f'hekk kienu qalu lill konvenut li ma kienux ser jaccettaw il-*claim* li ghamel.

Roderick Axiaq ghas-socjeta' SMS ikkonferma li l-konvenut kien inxurjat maghhom qabel u kien ghamel *claim* maghhom dwar incident li kien sehh fl-4 ta' Settembru, 2000 u kienu hallsuh.

Il-konvenut xehed li kien ir-ragel t'ohtu li kien infurma lill *insurance* li hu ma kellux *claims* qabel. Hu ma kien iffirma ebda karti. Ma kienux staqsewh jekk kienx habat qabel. Fuq kontroezami wiegeb li d-dok a fol. 7 qatt ma rah qabel pero' fuqu hemm il-firma tieghu. Ma ftakarx meta ghamel dika l-firma.

Keith Magri, xehed li l-konvenut kien mar jinxurja ghandu. Il-*proposal form* kien imlieha hu. Kien staqsih id-domandi kollha li hemm fil-*proposal form* u l-konvenut wiegbu. Jista' jkun li ttradicilu bil-Malti d-domandi. Il-konvenut kien iffirma l-*proposal form*.

Christ Bugeja, ir-ragel ta' oht il-konvenut, xehed li kien mar mal-konvenut ghand Keith Magri biex jinxurja l-karozza. Dan ma kienx staqsih jekk kellux *claims* qabel. Il-konvenut kien iffirma l-*proposal form*. Fuq kontroezami wiegeb li Magri ma staqsihx jekk il-konvenut kellux *claims*.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jirritjeni li hu kien *in good faith* meta wiegeb ghad domandi li kienu sarulu mill-impjegat tas-socjeta' attrici.

Hu stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi "il-*proposal form* hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni, u kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza". (Vol. XXXVI, P.II, p.610)

Gie ritenut ukoll illi "il-Qorti tifhem li hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f'kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il-*history* taghha bhala is-soggett ta' assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista' b'xi mod tinfluwenza d-decizjoni tad-ditta assiguratrici fl-ghoti tal-polza. L-istess kif id-ditta assiguratrici hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu ikollha. Dan ghaliex il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu wiehed ta' *uberrimae fidae* u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima *bona fede* meta jiffirmawh".

"*The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberrimae fidae, that is of utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound <u>to volunteer to each other</u> before the contract is concluded information which is material*" (John Birds Modern Insurance Law 1977 p.100). Fil-kawza "Carter vs. Boehm" Lord Mansfield jiddikjara "*good faith forbids either party, by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of that fact and his belief in the contrary……….. The reason of the rule which obliges parties to disclose is to prevent fraud and to encourage good faith. It is adapted to such facts as vary the nature of the contract which one privately knows and the other is ignorant of and has no reason to suspect*".

Fil-kaz in ezami jirrizulta pruvat illi l-konvenut naqas li jaghti informazzjoni korretta lid-ditta assiguratrici qabel sar il-kuntratt maghha. Hu jghid li kien Christ Bugeja, ir-ragel t'ohtu, li nfurma lill *insurance* li hu ma kellux *claims* qabel, mentri dan Bugeja jinsisti li Keith Magri ma kienx staqsih jekk Bartolo kellux *claims* qabel. Hawn dawn iz-zewg xhieda ma jaqblux bejnithom. Inoltre l-konvenut xehed li hu ma kien iffirma ebda karti mentri fuq kontroezami wiegeb li fid-dok a fol. 7 hemm il-firma tieghu. Minn naha l-ohra Keith Magri xehed li kien staqsa d-domandi kollha li hemm fil-*proposal form* u l-konvenut wiegbu kollox u kkonferma li l-konvenut kien iffirma l-*porposal form*.

Meta l-*proposal form* tigi mimlija mhux mill-proponent, imma minn persuna ohra, din titqies li mtliet il-formola ghall-proponent, u mhux ghall-assikuratur. Din l-persuna titqies bhala l-mandatarju ta' l-assikurat u jekk dana jonqos il-konsegwenzi jbatihom l-assikurat - salv kull rimedju li dan jista' jkollu kontra l-mandatarju tieghu taht il-ligi. Inolre huwa dmir ta' l-assikurat li, qabel ma jiffirma, jaqra sew dak li se jiffirma, u jekk ma jaghmilx hekk, irid ibati l-konsegwenzi tan-negligenza tieghu. Meta jkun hemm skrittura ffirmata minn parti, hu prezunt li hu accetta dak kollu li jkun regolat fl-iskrittura.

Il-Qorti tqis li l-obbligu *to disclose material information*, kien fuq kollox u qabel xejn jinkombi fuq l-konvenut li kien fid-dover li *sua sponte* u volontarjament ipoggi l-informazzjoni kollha ghad-dispozizzjoni tas-socjeta' attrici li hadet l-inkarigu li timla' l-*proposal form.* Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Briffa vs Camilleri 9 ta' Frar, 2001 u kwotata b'approvazzjoni fl-Appell Sammut vs Middlesea 14/5/04 dana l-obbligu jezisti: *"rrispettivament minn jekk hu (il-konvenut) kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta` li jaghmel hekk"*.

Dwar x'inhu meqjus bhala materjali, gie ritenut illi "the fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material" (Fire and Motor Insurance Ivamy 3rd edition, (1978) p.203). Dan certament kien fattur li nducha lill assikurazzjoni fl-izball li tohrog il-

polza, liema polza ma kienetx tohrogha li kieku kienet taf il-verita'.

Dwar l-asserzjoni tal-konvenut li n-non disclosure tieghu kien de minimis, (ara ittra ezibita a fol. 8) apparti li dana ma giex pruvat , hu accettat li "*a failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract ab initio, and upon avoidance it is deemed ever to have existed*. (Modern Insurance Law, John Birds 1993, 3rd edition, pages 90 et seq.)

F'dan is-sens l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed jigu michuda.

Fit-tielet eccezzjoni l-konvenut sostna li kien hemm '*tacit acknowlegment'* da parti tas-socjeta' attrici illi l-polza in kwistjoni hija valida stante illi ricentement huwa ircieva 'ir-*renewal form'* min-naha tas-socjeta' attrici ghat-tigdid ta' l-imsemmija polza u ghalhekk ma tistax issa kontestwalment is-socjeta' attrici ssostni illi l-imsemmija polza m'hix valida u titlob ir-rexxissjoni ta' l-istess.

Illi dana l-argument pero' ma jregiex. Il-fatt li ntbaghtet ir-*renewal notice* ma jistax jigi interpretat bhala xi abdikazzjoni ghad-dritt ta' l-assikurazzjoni li thassar il-polza jekk jirrizultalha li kien hemm *non-disclosure*, lanqas ma jista' jinghad li kien hemm ratifika mill-assikurazzjoni meta l-fatti veri kienu injoti ghas-socjeta' konvenuta (ara sentenza PA PS Mizzi vs Grech 3/10/2003).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' t-talbiet attrici
tiddikjara illi l-polza imsemmija ittiehdet bil-habi ta' fatt sostanzjali u hija ghalhekk vizzjata a kawza ta' *material non disclosure* da parti tal-konvenut u tiddikjara li ghalhekk il-polza in kwistjoni hija nulla u minghajr effett ghal finijiet kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------